PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2006/0158(CNS)

5.10.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni qafas tal-Kunsill dwar l-ordni ta' sorveljanza Ewropea fil-proċeduri ta' qabel proċess legali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea
(COM(2006)0468 – – C6-0328/2006 –2006/0158 (CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Aloyzas Sakalas

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-Deċiżjoni ta' Qafas dwar l-ordni ta' sorveljanza fi proċeduri ta' qabel il-proċeduri legali hija proposta leġiżlattiva b'ħafna sinifikat, immirata mhux biss sabiex tiżgura koperazzjoni legali aktar effiċjenti fiz-zona leġiżlattiva ta' l-Unjoni Ewropea, iżda wkoll sabiex toħloq l-isfond leġiżlattiv sabiex jonqos il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-arrest – miżura li ma tinvolvix detenzjoni (b'mod speċjali f'każijiet ta' reati minuri). Fl-opinjoni tar-Rapporteur, jista' jingħad mingħajr ambigwità li din il-proposta leġiżlattiva hija mhux biss importanti, iżda hija meħtieġa b'mod assolut. Jeżistu, madankollu, diversi kwistjonijiet ta' prinċipju li jrid isir qbil dwarhom minn qabel sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta leġiżlattiva jiġu evalwati mil-lat legali.

- Il-koperazzjoni suġġerita hija simili ħafna għal Stat unitarju u għandha tiġi diskussa, għax bħalissa tfisser 'ftaħna bieb li ma jwassal għal imkien (minn aspett legali, ovvjament). Bla dubju hija kwistjoni politiku, madankollu minħabba li s-sejba ta' soluzzjoni għaliha se jkollha impatt leġiżlattiv serju, il-kliem legali tal-proposta leġiżlattiva irid għaldaqstant ikun ċar u mingħajr ambigwità. Fl-opinjoni tar-Rapporteur, it-test sfortunatament iqajjem aktar mistoqsijiet milli jwieġeb, u għaldaqstant ikun preferibbli li ssir għażla għal metodu klassiku ta' koperazzjoni u regolamentazzjoni legali (bħal fil-każ tal-mandat ta' arrest Ewropew, pereżempju);

- Il-proposta leġiżlattiva li qed tiġi proposta jeħtieġ li tiddefinixxi b'mod ċar jekk hi tgħaqqadx il-liġijiet ta' l-Istat, jew inkella tikkoordinahom (filwaqt li ssemmi sa liema punt l-Istati jistgħu jespandu fuq ir-regolamentazzjoni legali ta' kwistjonijiet fi ħdan il-liġijiet nazzjonali tagħhom) Fl-opinjoni tar-Rapporteur, il-proposta leġiżlattiva fiha numru konsiderevoli ta' lacunae legali, li jista' jkollhom konsegwenzi legali gravi għall-iżgurar tal-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem, pereżempju, mhux ċar liema Stat huwa responsabbli għal danni li jsiru b'riżultat ta' sorveljanza illegali; barra minn hekk, ċerti aspetti proċedurali, pereżempju d-dritt tal-persuna suspettata li tappella konta l-ordni ta' sorveljanza Ewropea eċċ, mhumiex ċari għal kollox.

Il-Kummenti tar-Rapporteur dwar id-dokument ta' ħidma tas-Sur Varvitsiotis huma magħmula skond il-loġika li ġejja: aspetti li huma: a) msemmija kemm fil-proposta leġiżlattiva kif ukoll fid-dokument ta' ħidma Varvitsiotis; b) msemmija fid-dokument ta' ħidma Varvitsiotis biss; u c) mhux imsemmija, iżda huma legalment meħtieġa, fl-opinjoni tar-Rapporteur:

1. Tradizzjonalment, il-kwistjoni ewlenija fir-rigward tal-proposta leġiżlattivi mmirati lejn koperazzjoni legali hija r-regola ta' kriminalità doppja (skond liema regola, l-Istati Membri jikkoperaw biss meta att ikun meqjus bħala att kriminali fiż-żewġ Stati). Il-Kummissjoni Ewropea qed tkompli tipprova tiċħad din ir-regola, jew ta' l-inqas tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha; Fl-opinjoni tar-Rapporteur, din il-proposta leġiżlattiva qed taħseb biex tiċħad ir-regola b'mod sħiħ (Artikolu 10), filwaqt li d-dokument ta' ħidma Varvitsiotis (paġna 5) tħalli lok għaliha (sa ċertu punt), iżda biss f'każ ta' arrest. Iż-żewġ attitudnijiet huma meqjusa "perikoluži" f'diversi lati, għax jistgħu iqajjmu problemi kostituzzjonali fil-Litwanja (minn ta' l-inqas) jekk jiġu imposti limitazzjonijiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem għal atti li mhumiex meqjusa bħala atti kriminali skond il-Kodiċi Ċivili tal-Litwanja. Mill-

banda l-oħra, jekk ikunu koperti biss reati aktar serji, il-ħidma li titnaqqas l-applikazzjoni ta' l-arrest ma titwettaqx; Fid-dawl ta' dan li għadna kemm semmejna hawn fuq, ikun preferibbli li jiġi provdut, fost raġunijiet oħra sabiex tiġi miċħuda ordni ta' sorveljanza Ewropea, dan li ġej: att fi Stat li jkun mitlub li jagħmel sorveljanza m'għandux jitqies att kriminali (dan il-mudell jista' jkun bħall-mandat ta' arrest Ewropew). Fil-każ tal-Litwanja, dan huwa punt importanti relatat ma' obbligi kostituzzjonali.

2. Ir-Rapporteur jaqbel bis-sħiħ ma' punti 2 u 3 tad-dokument ta' ħidma Varvitsiotis.

3. Fl-opinjoni tar-Rapporteur, punt 1 tad-dokument ta' ħidma Varvitsiotis irid jiġi miżjud b'dan li ġej: a) skond Artikolu 6 tal-proposta leġiżlattiva, is-sorveljanza tista' tiġi imposta waqt proċeduri ta' qrati biss, iżda din il-possibilità trid tkun żgurata wkoll waqt il-proċess ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċeduri legali (b'mod speċjali li jħalli lill-Istat li jkun qed jagħmel l-investigazzjoni li jżomm id-dritt li jiddeċiedi fid-diskrezzjoni tiegħu); b) id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 6(4) tal-proposta leġiżlattiva huma korretti u anke neċessarji, iżda mhumiex ċari, minħabba li t-tifsira ta' '...timmodifika l-obbligi' mhix ċara: jimplika tip ta' miżura li ma tinvolvix detenzjoni (eż. il-qbid bħala parti minn garanzija personali) jew jirrelata biss mal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri mhux kustodjali nnifisha? Dan l-aspett huwa importanti għal huma maħsuba sanzjonijiet ħarxa għal ksur ta' ordni ta' sorveljanza (Kapitolu 5 tal-proposta leġiżlattiva). Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 6(4) tal-proposta leġiżlattiva ma jaqblux ma' Artikolu 13 ta' l-istess att, li jistabbilixxi reviżjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea (huwa dubjuż jekk l-Istat li joħroġ il-mandat jistax jimmodifika obbligi li jkunu nbidlu mill-Istat li jesegwixxi).

4. Fl-opinjoni tar-Rapporteur, l-obbligu stabbilit f'Artikolu 6(1)(c) tal-proposta leġiżlattiva jippermetti ksur ta' l-obbligi f'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.

5. F'Artikolu 6(2)(e) tal-proposta leġiżlattiva, il-kelma 'xogħol' għandha tkun segwita minn 'servizz eċċ.', u l-kliem ta' (h) (għall-inqas b'referenza għall-verżjoni Litwana) iqajjem suspetti li huwa implikat trattament obbligatorju; għaldaqstant ikun preferibbli il-kliem li ġej: 'li jitwettaq trattament mediku speċifiku bil-kunsens voluntarju tal-persuna suspettata'.

6. F'Artikolu 10(2)(a) tal-proposta leġiżlattiva, il-kelma 'atti' għandha tiġi segwita mill-kliem 'jew ommissjoni ta' atti'.

7. Il-possibilità stabbilita f'Artikolu 17 tal-proposta leġiżlattiva, li miżuri aktar ħfief jinbidlu f'miżuri ta' arrest fil-każ ta' ksur ta' l-obbligi, mhijiex possibbli, ta' l-inqas mhux fil-Litwanja, għax l-arrest jista' jiġi impost biss jekk ikun hemm ir-raġunijiet u l-mandati kollha stabbiliti fil-Kodiċi ta' Proċedura kriminali, u jekk jiġi segwiti l-proċeduri stabbiliti. F'dan ir-rigward, il-liġi nazzjonali hija aktar 'ħarxa' mill-proposta leġiżlattiva, u għaldaqstant huwa dubjuż li d-dispożizzjonijiet tal-proposta leġiżlattiva dwar l-arrest għal ksur ta' l-obbligi tal-miżuri kustodjali humiex aċċettabbli għal-Litwanja.

8. Il-kwistjonijiet li ġejjin iridu jkunu regolati mill-proposta leġiżlattiva:
- Id-dritt tal-persuna suspettata li tappella kontra l-ordni ta' sorveljanza Ewropea, u każijiet ta' emendi u reviżjoni;
- Li jiġi stabbilit liema Stat għandu jkun responsabbli għall-kumpens ta' danni li jirriżultaw

minn ordni ta' sorveljanza Ewropea.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
Emenda 1 Artikolu 1, paragrafu 2	
A European supervision order is a judicial decision issued by a competent authority of a Member State in respect of a non-resident suspect ***for the purpose of the return of that person to his Member State of residence under the condition that he complies with supervision measures,*** in order to ensure the due course of justice and, in particular, to ensure that the person will be available to stand trial in the issuing Member State.	Ordni ta' sorveljanza Ewropea hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna ssuspettata li ma tkunx residenti f'dak l-Istat, sabiex tiżgura il-proċess xieraq tal-ġustizzja u, b'mod partikulari, sabiex tiżgura li l-persuna tkun disponibbli biex tidher quddiem il-qorti fl-Istat Membru li jkun ħareġ l-ordni.
Emenda 2 Artikolu 6, paragrafu 1, subparagrafu 3	
The issuing authority may impose one or more of the following obligations on the suspect:	L-awtorità tal-ħruġ tista' timponi wieħed jew aktar mill-obbligi li ġejjin fuq il-persuna suspettata:
(a) to attend preliminary hearings relating to the offence(s) with which he has been charged or	(a) li tattendi s-seduti ta' smigħ preliminari relatati ma' l-offiża(i) li jkun qed jiġi akkużat biha jew
(b) not to ***enter*** specified places in the issuing State without authorisation***; or***	(b) li ma ***jiffrekwentax*** postijiet speċifiċi, ***jew partijiet mit-territorju ta' l-***Istat li jkun ħareġ il-mandat***, jew ta' l-Istat li jesegwixxi*** mingħajr awtorizzazzjoni.
(c) to reimburse the costs for transferring him to a preliminary hearing or trial.	
Emenda 3 Artikolu 6, paragrafu 2, punt (e)	

(e) to be at his specified place of work in the executing State at specified times;	(e) li tkun fil-post speċifiku tax-xogħol, ***servizz eċċ***. fl-Istat li jesegwixxi fil-ħinijiet speċifikati;

Emenda 4
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (h)

(h) to undergo specified medical treatment.	(h) li jitwettaq trattament mediku speċifiku ***bil-kunsens volontarju tal-persuna suspettata***.

Emenda 5
Artikolu 6, paragrafu 4

4. In addition to the obligations provided for in the European supervision order, the executing authority may, in accordance with the law of the executing State, modify the obligations contained in the European supervision order as is strictly necessary for the purpose of executing the European supervision order.	4. B'żieda ma' l-obbligi stabbiliti fl-ordni ta' sorveljanza Ewropea, l-awtorità li tesegwixxi tista', skond il-liġi ta' l-Istat li qed jesegwixxi, timmodifika l-obbligi ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-iskop ta' l-eżekuzzjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea. ***Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għall-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura li ma tinvolvix detenzjoni li tiġi adottata, u l-modifika ta' l-obbligi konċernati ma tista' fl-ebda każ tagħmel ħsara lir-reviżjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea skond l-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva ta' Qafas.***

Emenda 6
Artkolu 6, paragrafu 4a (ġdid)

	4a. L-Istati Membri jistgħu ukoll jiddeċiedu li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għall-proċess ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċeduri legali.

Emenda 7
Artikolu 10

1. A court, a judge, an investigating	1. Qorti, imħallef, maġistrati ta' l-

magistrate or a public prosecutor, in the requested State shall refuse to recognise and execute a European supervision order ***if it is clear that criminal proceedings for the offence in respect of which that order has been issued would infringe the ne bis in idem principle***.	investigazzjoni jew prosekutur pubbliku fl-Istat li jintalab il-konsenja jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi jew jesegwixxi ordni ta' sorveljanza Ewropea ***fejn is-sitwazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri tikkorrispondi għal wieħed mill-każijiet li hemm referenza għalihom f'Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri[1].***
2. ***A court, a judge, an investigating magistrate or a public prosecutor, in the requested State may refuse to recognise and execute a European supervision order on one or more of the following grounds***:	2. ***Paragrafu 1 għandu japplika b'mod partikulari***:
(a) if, under the law of the requested State, the suspect may not, owing to his age, be held criminally responsible for the acts on which the European supervision order is based;	(a) jekk skond il-liġi ta' l-Istat li jintalab il-konsenja, il-persuna suspettata ma tistax, minħabba l-età tagħha, tinżamm responsabbli b'mod kriminali għall-atti ***jew għall-ommissjonijiet*** li fuqhom tkun imsejsa l-ordni ta' sorveljanza Ewropea;
(b) if ***there is an immunity or privilege under the law of the requested State which would prevent the execution of the European supervision order;***	
(c) if the offence to which the European supervision order relates is covered by an amnesty in the requested State, where that State had jurisdiction to prosecute the offence under its own criminal law.	
	(b) jekk ***l-att li fuqu tkun imsejsa l-ordni ta' sorveljanza Ewropea ma jkunx jikkostitwixxi reat skond il-liġi ta' l-Istat Membri li jesegwiha***; ***madankollu, b'relazzjoni ma' taxxi, dazji, dwana jew kambju, l-eżekuzzjoni ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea ma tistax tiġi miċħuda għar-raġuni li l-liġi ta' l-Istat Membru li jkun qed jesegwixxi ma jkunx jimponi l-istess tip ta' taxxa jew dazju, jew li ma jkollhiex l-istess tip ta' regoli rigward taxxi, dazji jew regolamenti dwar id-dwana u l-kambju bħal-liġi ta' l-Istat Membru li joħroġ l-ordni ta' sorveljanza Ewropea.***

[1] *ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.*

Amendment 8
Article 17

1. In the event of a breach of the European supervision order, the issuing authority may, in accordance with the law of the issuing State, take the decision:	1. F'każ ta' ksur ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea, l-awtorità li toħroġha tista' skond il-liġi ta' l-Istat li joħroġha, tieħu d-deċiżjoni li:
(a) to revoke the European supervision order;	(a) tirrevoka l-ordni ta' sorveljanza Ewropea;
(b) to amend or revoke one or more of the obligations contained in the European supervision order;	(b) li temenda jew tirrevoka wieħed jew aktar mill-obbligi ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea;
(c) to arrest ***and transfer*** the suspect, if the European supervision order was issued in respect of an offence for which pre-trial detention is justified under the law of the issuing State, in particular ***when it is necessary in order to attend a preliminary hearing or trial;***	(c) tarresta lill-persuna suspettata, jekk l-ordni ta' sorveljanza Ewropea tkun ħarġet fir-rigward ta' offiża li għaliha tkun ġustifikata id-detenzjoni ta' qabel il-proċess skond il-liġi ta' l-Istat li joħroġha, b'mod partikulari:
(d) to arrest and transfer the suspect, in the following circumstances:	
(i) if the European supervision order was issued in respect of an offence for which pre-trial detention was initially not justified under the law of the issuing State; and	(i) jekk l-ordni ta' sorveljanza Ewropea tkun ħarġet fir-rigward ta' offiża li għaliha tkun ġustifikata id-detenzjoni ta' qabel il-proċess skond il-liġi ta' l-Istat li joħroġha; kif ukoll
(ii) if the European supervision order contains limitations of his freedoms of a degree comparable to deprivation of liberty; and	(ii) jekk l-ordni ta' sorveljanza Ewropea tkun tinkludi limitazzjonijiet tal-libertajiet tiegħu fuq livell kumparabbli ma' ċaħda tal-libertà; kif ukoll
(iii) if the arrest ***and transfer*** is necessary to attend a preliminary hearing or trial.	(iii) jekk l-arrest ikun meħtieġ sabiex il-persuna suspettata tattendi seduti ta' smigħ preliminari jew proċess.
2. Before deciding on arrest ***and transfer***, the issuing authority shall consider all relevant circumstances, including the specific penalty envisaged, the consequences of the breach and, in particular, the willingness of the suspect to come back voluntarily to the issuing State.	2. Qabel ma tiddeċiedi dwar arrest, l-awtorità tal-ħruġ għandha tqis iċ-ċirkustanzi relevanti kollha, inklużi il-piena speċifika maħsuba, il-konsegwenzi tal-ksur u, b'mod partikulari, ir-rieda tal-persuna suspettata li tiġi lura b'mod voluntarju fl-istat tal-ħruġ.
3. ***If the issuing authority decides that the***	

suspect must be arrested and transferred and, at the time of that decision, the suspect is in the territory of another Member State, that State shall arrest and transfer the suspect under the conditions of article 18.

4. Before the decision under paragraph 1 is taken, the suspect shall have the right to be heard by the issuing authority, in accordance with the law of the issuing State. This requirement may be satisfied through the use of appropriate video or telephone links between the executing and the issuing authority (hearing by video or telephone conference). The issuing authority shall also consult the executing authority.

3. Qabel ma tittieħed id-deċiżjoni skond il-paragrafu 1, il-persuna suspettata għandu jkollha d-dritt li tinstema' mill-awtorità tal-ħruġ, skond il-liġi ta' l-Istat tal-ħruġ. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi sodisfat permezz tal-komunikazzjonijiet vidjow jew telefoniċi xierqa bejn l-awtorità li tesegwixxi u dik li tkun ħarġet l-ordni (smigħ permezz ta' konferenza vidjow jew telefonika). L-awtorità tal-ħruġ għandha tikkonsulta wkoll ma' l-awtorità li tesegwixxi.

Emenda 9
Artikolu 18

Conditions for arrest ***and transfer*** of the suspect

1. If the issuing authority decides that the suspect must be arrested ***and transferred to the issuing State***, the suspect shall be heard by a judicial authority of the Member State on whose territory he is arrested.

2. If the suspect consents to his transfer the Member State on whose territory the suspect is arrested shall forthwith transfer him to the issuing State.

3. ***If the suspect does not consent to his transfer the*** Member State on whose territory ***he*** is arrested ***shall forthwith transfer him to the issuing State. It*** may refuse the arrest and transfer only

– if it is clear that criminal proceedings for the offence in respect of which that order has been issued would meanwhile infringe the *ne bis in idem* principle;

– if the suspect is being prosecuted in the executing Member State for the same facts as those on which the European supervision

Kundizzjonijiet għall-arrest tal-persuna suspettata

1. Jekk l-awtorità tal-ħruġ tiddeċiedi li l-persuna suspettata trid tiġi arrestata, din il-persuna għandha tinstema' minn awtorità ġudizzjali ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikun ġie arrestat.

2. Jekk il-persuna suspettata tagħti l-kunsens tagħha, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikun ġie arrestat għandu jittrasferixxi lill-persuna suspettata lejn l-Istat tal-ħruġ.

3. ***L-***Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet arrestata ***il-persuna suspettata*** ma jistax jiċħad l-arrest u t-trasferiment ħlief***:***

– jekk ikun ċar li l-proċeduri kriminali għall-offiża li għaliha tkun ħarġet l-ordni sadanittant ikunu jiksru il-prinċipju *ne bis in idem*;

– jekk il-persuna suspettata tkun qed tiġi mixlija fl-Istat Membru li jesegwixxi għall-istess fatti bħal dawk li tkun imsejsa fuqhom

order is based;	l-ordni ta’ sorveljanza Ewropea;
– if the criminal prosecution or punishment of the suspect is statute-barred according to the law of the executing Member State and the acts fall within the jurisdiction of that Member State under its own criminal law;	- jekk il-prosekuzzjoni kriminali jew il-piena tal-persuna suspettata hi mwaqqfa mill-istatut skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jesegwixxi u l-atti jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru skond il-liġi kriminali tiegħu;
– if the decision to arrest ***and transfer*** concerns new facts not covered by the European supervision order.	– jekk id-deċiżjoni ta’ l-arrest tikkonċerna fatti ġodda mhux koperti mill-ordni ta’ sorveljanza Ewropea.
4. A Member State other than the executing State may also refuse to arrest ***and transfer*** the suspect on the basis of one or more of the grounds set out in Article 10.	4. Stat Membru ieħor li mhux l-Istat li jesegwixxi jista’ wkoll jirrifjuta li jarresta lill-persuna suspettata fuq il-bażi ta’ wieħed jew aktar mir-raġunijiet stipulati f’Artikolu 10.

Emenda 10
Artikolu 20

Article 20	***imħassar***
Time limits for transfer	
1. The suspect shall be transferred to the issuing State pursuant to Article 18 on a date mutually agreed between member States concerned and in any event no later than 3 days following the arrest.	
2. The transfer of a suspect may exceptionally be temporarily postponed for serious humanitarian reasons, for example, if there are reasonable grounds for believing that transfer would manifestly endanger the suspect’s life or health. The issuing authority shall immediately be informed of any such postponement and of the reasons thereof. The transfer of the suspect shall take place as soon as these grounds have ceased to exist on a date agreed between the Member States concerned.	

Emenda 11
Artkolu 22, paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq għandha tapplika wkoll fejn, għall–iskopijiet ta' Artikolu 6(2)(d), il-persuna suspettata tkun ġiet ipprojbita permezz ta' l-ordni ta' sorveljanza li tħalli l-post ta' residenza tagħha jew kwalunkwe post ta' abitazzjoni ieħor għall-perjodu kollu stipulat fl-ordni.

PROĊEDURA

Referenzi	COM(2006)0468 - C6-0328/2006 - 2006/0158(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 12.10.2006
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Aloyzas Sakalas 24.10.2006
Diskussjoni fil-kumitat	11.9.2007 3.10.2007
Data ta' l-adozzjoni	4.10.2007
Riżultat tal-vot finali	+: 24 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Carlo Casini, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Katalin Lévai, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Gary Titley, Diana Wallis, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Charlotte Cederschiöld, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, József Szájer, Jacques Toubon
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali	Genowefa Grabowska, Iles Braghetto, Michael Cashman, Lily Jacobs